# Beati u Qaddisin....Marzu

## 4 ta' Marzu
## Beatu Giovanni Antonio Farina

Personagg kbir, isqof u edukatur. Giovanni Antonio Farina twieled gewwa Gambellara fil-provincja ta' Vicenza fis-sena 1803. Dahal fis-seminarju ta' eta' zaghzugha, kellu biss 15 il-sena, u mill-ewwel kien innutata li kellu disposizzjoni biex ixerred it-taghlim. Meta kien ghad kellu biss 21 sena u kien ghadu jistudja t-teologija gie afdat biex jghallem l-istudenti ta' l-iskola inferjuri. Orndat sacerdot fis-sena 1827 ghaddha l-ewwel snin gewwa Vincenza f'hidma pastorali intensiva. U kien hawn li tghallem b'esperjenza x'valur socjali ghandu t-taghlim.



Fis-Sena 1831 huwa waqqaf l-ewwel skola popolari femminili u hames snin wara waqqaf il-komgregazzjoni tas-Sorijiet Ghalliema ta' Santa Dorotea, Ulied il-Qalb Mqaddsa ta' Gesu' u Marija. Dan kien istitut ta' ghalliema dedikati, ikkonsagrati lill-Mulej u totalment moghtija biex jghallmu t-tfajliet foqra.

Fis-sena 1850 il-Papa nnominah isqof ta' Treviso fejn kien maghruf hafna ghall-karita' fost dawk fil-bzonn tant li laqqmuh l-isqof tal-fqar. Fis-sena 1860 gie trasferit ghas-sede ta' Vicenza. Hadem hafna u ta sehemu fil-hidmiet tal-Koncilju Vatikan l-Ewwel u ddistingwa ruhu meta ddefenda l-infallibita' tal-Papa.

Miet gewwa Vicenza fl-4 ta' Marzu 1888. Fis-sena 1905 ir-regola tad-Dortej giet approvata definitivament minn Piju X li incidentalment kien ordnat sacerdot minn Giovanni Farina fis-sena 1858. Giovanni Antonio Farina gie pproklamat beatu minn Giovanni Pawlu II fis-sena 2001. Il-fdalijiet tieghu jinsabu gewwa Vicenza fil-casa madre tal-kongregazzjoni li waqqaf hu niffsu.